**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU DR. JOSEPH MUSCAT DWAR IS-SITWAZZJONI FIL-LIBJA**

Sur President

Nixtieq nirrapporta lil din il-Kamra dwar l-aħħar żviluppi tas-sitwazzjoni fil-Libja, b'mod partikolari wara l-attakk li seħħ il-bieraħ fuq il-lukanda Corinthia fi Tripli.

Fid-dawl ta' dak li ġara l-bieraħ, illum sejjaħt laqgħa tal-Kumitat tas-Sigurtà, li bil-liġi mmexxi jien u huma membri tiegħu l-Ministru għall-Affarijiet Barranin, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u l-Kap tal-Oppożizzjoni, u fejn jiġu mistiedna jagħtu l-veduti tagħhom il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizz ta' Sigurtà.

Matul din il-laqgħa ingħatat informazzjoni sħiħa dwar is-sitwazzjoni ta' bħalissa. Inżid li matul il-ġurnata ta' lbieraħ kont f'kuntatt mall-Kap tal-Oppożizzjoni biex ninfurmah dwar l-iżviluppi.

Nemmen li f'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-poplu Malti isib l-għaqda fis-saħħa, u nemmen li l-attitudni *bi-partisan* li jidher li ż-żewġ naħat tal-Kamra qed jieħdu dwar il-qagħda fil-Libja hija waħda li ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' pajjiżna.

F'din l-istqarrija se nkun qed nagħti fatti kif jirriżultaw lill-Gvern Malti permezz tar-rapporti ta' *intelligence* li għandna f'dan il-mument.

Li nistgħu ngħidu wara diskussjonijiet ma' sorsi differenti fil-Libja u bnadi oħra, huwa li l-attakk tal-bieraħ ma jidhirx li kien wieħed immirat lejn Malta jew lejn interessi Maltin in partikolari.

L-attakk jidher li seħħ irrispettivament minn min huma s-sidien tal-lukanda.

Hemm numru ta' verżjonijiet dwar il-mottivi tal-attakk. Il-Gvern u s-Servizzi ta' Sigurtà ta' Malta mhumiex f'pożizzjoni li b'mod indipendenti jivverifikaw

liema verżjoni hija dik korretta. Lanqas ma naħseb li din l-istqarrija għandha toqgħod tispekula dwar il-probabbiltà ta' liema verżjoni hija korretta.

Minflok, nixtieq biss ngħid liema huma t-tlett verżjonijiet li l-aktar qed jiġu identifikati bħala li wasslu għall-attakk.

L-ewwel waħda hija li dan kien attakk li sar minn organizzazzjoni b'rabta mall-organizzazzjoni terroristika tal-Istat Iżlamiku għal mottivi ta' destabilizazzjoni ulterjuri tal-Libja, possibbilment ukoll biex jiġu sfrattati t-taħditiet ta' paċi li qed isiru bħalissa bejn il-fazzjonijiet Libjani f'Ġinevra.

It-tieni verżjoni hija li dan kien attakk immirat biex jinqatel il-Prim Ministru tal-Gvern ta' Tripli, li mhux rikonoxxut mill-komunità internazzjonali. Jidher li l-Prim Ministru kien ikun f'din il-lukanda iżda skond it-tmexxija tal-lukanda ma kienx joqgħod fiha.

It-tielet verżjoni hija li dan kien attakk minn organizzazzjoni b'rabta ma' Al Qaeda u kien immirat lejn kumpanija barranija partikolari involuta fil-qasam tas-sigurtà li kellha uffiċċju fil-lukanda.

Ovvjament jista' jkun hemm verżjonijiet oħra u mhux eskluż li l-mottiv veru huwa taħlita ta' dawn il-verżjonijiet u oħrajn.

Hemm rapport persistenti li l-persuni li wettqu dawn l-attakk, li kienu bejn 3 u 5, ma kinux Libjani.  Mhux eskluż il-fatt li persuna assoċjata ma' dan l-attakk għadu ħaj wara r-raid li sar minn forzi ta' Tripli fuq il-lukanda u jinsab f'idejn l-awtoritajiet. L-oħrajn jirriżulta li nqatlu.

F'dan il-mument ma nħossx li għandna nagħtu lok għal spekulazzjoni u qed inżomm il-prudenza massima minħabba s-sensittività tas-sitwazzjoni fil-Libja.

In-numru tal-vittmi u n-nazzjonalità tagħhom għadha mhix aċċertata. L-ammont l-aktar kredibbli jidher li hu ta' 14-il vittma.

Dawn jinkludu 4 membri ta' ekwipaġġ ta' linja tal-ajru Libjana li aktarx kienu mit-Tajikistan, iżda li mhux eskluż li wieħed minnhom kien ġej minn pajjiż ieħor.  Kien hemm ukoll vittma ta' nazzjonalità Amerikana li kien jaħdem ma'

kumpanija tas-sigurtà. Il-vittmi l-oħra, minbarra t-terroristi, jidher li huma Libjani.

Ma jirriżultax li kien hemm Maltin fost il-vittmi.

Saret ħidma immedjata biex, hekk kif seħħ l-attakk, 9 Maltin li jaħdmu fil-lukanda ġew evakwati għal post sigur. Żewġ Maltin oħra baqgħu jsegwu l-operazzjonijiet għaliex kienu responsabbli mit-tmexxija tal-lukanda.

Irrid ngħid li hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Gvern Malti u l-Corinthia Group li ma bdietx il-bieraħ iżda ilha għaddejja għal ħafna żmien.

Filgħaxija, dawn il-11 il-Maltin flimkien ma' 13-il ċittadin Malti ieħor li jaħdmu fil-kumpless ta' Palm City, ukoll proprjetà tal-Corinthia, ittieħdu f'post ieħor sigur.

Minn dawn l-24 persuna, 13 inġiebu Malta illum permezz ta' titjira speċjali. Ta' min ngħid li, mingħajr ħafna daqq ta' trombi, ilna għaddejjin ngħinu f'operazzjonijiet ta' evakwazzjonijiet ta' persuni ta' nazzjonalitajiet differenti għal dawn l-aħħar xhur. Fil-fatt, illum kien hemm evakwazzjoni oħra simili.

Il-11-il persuna oħra li jaħdmu mall-Corinthia u li baqgħu fil-Libja qegħdin hemmhekk fuq għażla tagħhom u minkejja li ħeġġiġniehom, anki permezz ta' kuntatti diretti, biex joħorġu mill-pajjiż. Nagħmilha ċara li dawn il-persuni, u kull ċittadin Malti li jinsab fil-Libja, qegħdin hemm kontra l-parir tal-Gvern u li t-*travel advice* tagħna jibqa' biex Maltin ma jmorrux il-Libja.

Bħala Gvern nibqgħu disposti li ngħinu mill-aħjar li nistgħu biex Maltin li jkunu jridu jitilqu mill-pajjiż, jiġu evakwati. Iżda ma nistgħu inġiegħlu lil ħadd. Fil-fatt, nafu b'każijiet ta' persuni li evakwajna mil-Libja fiż-żmien meta kulħadd beda ħiereġ mill-pajjiż, iżda li saħansitra reġgħu marru lura ftit ġimgħat wara.

Il-parir tagħna biex il-Maltin jitilqu mil-Libja huwa bbażat fuq il-fatt tas-sitwazzjoni instabbli fil-pajjiż u li ma nistgħux neskludu li jkun hemm attakki oħra fuq proprjetajiet fejn hemm interessi barranin jew fejn jinsabu persuni jew kumpaniji barranin, jew fejn joqogħdu persuni partikolari, irrespettivament minn ta' min huma dawn il-proprjetajiet.

Irrid ngħid li fil-laqgħat li kelli l-bieraħ fi Brussell, mall-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk u mall-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean Claude Juncker, kien hemm diġà fuq l-aġenda, fuq talba tagħna, l-kwistjoni tal-Libja. Dak li ġara l-bieraħ ftit qabel bdew id-diskussjonijiet, għamel il-kwistjoni aktar pressanti.

Irrid ninforma lil din il-Kamra li wassalt bil-qawwa kollha l-messaġġ li l-Unjoni Ewropea għandha obbligu li tagħti importanza kbira lejn dak li qed jiġri ftit kilometri biss bogħod mill-Ewropa.

Huwa tajjeb li l-Ewropa tħares lejn il-Lvant u l-kunflitti li jeżistu hemm, iżda s-sitwazzjoni fil-Libja hija waħda li trid tingħata l-istess prijorità.

Inkella l-Ewropa se jerġa' jiġrilha bħal ma ġralha fl-hekk imsejħa Rebbiegħa Għarbija, fejn ma ndunatx b'dak li qed jiġri u spiċċat kważi passiva għall-avvenimenti.

L-Ewropa trid turi li qed tifhem u lesta taġixxi b'mod partikolari mal-Libja fejn jekk ikollna stat fallut, *failed state*, fuq l-għatba Ewropea, jista' jkollha riperkussjonijiet fuq tant kwistjonijiet kruċjali, ibda mill-immigrazzjoni, kompli bit-terroriżmu u spiċċa bl-enerġija.

Dan biex ma nsemmux it-traġedji umani li għaddej minnu l-poplu Libjan, li aħna bħala Maltin inqisu tant qribna.

Illejla, il-Gvern Malti ħareġ stqarrija konġunta flimkien mall-Gvernijiet tal-Italja, Franza, Ġermanja, Renju Unit u Stati Uniti fejn qed nikkundannaw dan l-attakk u qed ngħidu li m'għandux jitħalla jfixkel il-proċess politiku fil-Libja, filwaqt li nappellaw lil-Libjani kollha biex jaħdmu sabiex itemmu l-kunflitt ta' bejniethom li ma jagħmel xejn ħlief li jżid it-theddida tat-terroriżmu.

F'dan il-kuntest, dawn is-sitt pajjiżi qed inkomplu nagħtu l-appoġġ tagħna lill-Ġnus Magħquda u lir-Rappreżentant Speċjali Bernardino Leon, fil-ħidma tiegħu. Inżid li l-Gvern Malti, permezz tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin, qed jaħdem mill-qrib ma' Leon fit-twettiq tal-mandat diffiċli tiegħu.

Bħala Malta, aħna se nkomplu naħdmu fil-kwiet biex inġibu l-partijiet kollha leġittimi u li jaċċettaw il-prinċipji bażiċi demokratiċi u tas-saltna tal-liġi flimkien. Dan qed nagħmluh b'mod attiv, għal darba oħra mingħajr ħafna daqq ta' trombi.

Intenni l-pożizzjoni li ilni li esprimejt aktar minn sena, jiġifieri li nemmen li jekk il-poplu Libjan jitlob, il-komunità internazzjonali għandha tkun lesta li tibgħat, taħt l-awspiċi tal-Ġnus Magħquda, missjoni li tgħin biex tistabilixxi s-sigurtà fil-pajjiż, iżżarma l-milizzji illegali u tgħin biex jiġu stabbiliti l-istituzzjonijiet għat-tmexxija tal-pajjiż.

Nifhem ukoll li fatti bħal ma ġraw il-bieraħ jinkwetaw lil persuni ta' rieda tajba. Nassigura lil kulħadd li l-Pulizija, l-Armata u s-Servizz tas-Sigurtà qed jużaw ir-riżorsi kollha tagħhom, fir-realtà ta' pajjiżna li kulħadd konxju tagħha, biex inkomplu ngħixu fis-sigurtà. F'dan il-qasam, nemmen li huwa aktar importanti li nwettqu aktar milli nitkellmu. Intenni li permezz tal-Kumitat tas-Sigurtà qed infittxu u għandna attitudni *bi-partisan* li tgħin biex ix-xogħol isir b'mod effettiv.

Nemmen, li minbarra li nieħdu l-prekawzjonijiet kollha possibbli, li nerġa' nassigura li qed jittieħdu, l-"arma" prinċipali tagħna hija li nibqgħu nkunu post ta' djalogu u pont ta' paċi fil-Mediterran, fejn b'politika attiva ta' newtralità ngħinu sabiex dan il-baħar li jdawwarna u l-ġirien tagħna jaraw fina ħbieb onesti li l-uniku interess tagħhom huma l-għaqda, l-istabilità u l-paċi.

**Diskors mill-Kap tal-Oppożizzjoni bi tweġiba għall-Istqarrija tal-Prim Ministru dwar l-attakk terroristiku fuq il-lukanda Corinthia fi Tripli**

**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sur President,

(i) L-Oppożizzjoni tikkundanna bla ebda riżervi l-attakk li seħħ ilbieraħ fi Tripli fuq il-lukanda tal-Corinthia.

(ii) L-ewwel ħsieb tal-Oppożizzjoni hija għall-vittmi ta' dan l-attakk. Nibgħat minn hawn messaġġ ta' solidarjetà mal-familjari tal-vittmi u nitlob li ssir minuta silenzju għalihom b'rispett lejn il-vittmi tal-attakk li seħħ ilbieraħ.

(iii) It-tieni ħsieb tal-Oppożizzjoni huwa għall-Maltin li jinsabu fi Tripli. Jien nikkonferma li matul il-jum ta-bieraħ, il-Prim Ministru żamm kuntatt kontinwu miegħi u nformani direttament bl-informazzjoni li kellu. Nikkonferma wkoll li dalgħodu attendejt laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sigurtà li sejjaħ il-Prim Ministru apposta.

Sur President, l-Oppożizzjoni tappoġġja lill-Gvern fil-ħidma tiegħu li jara li s-sigurtà tal-Maltin li jinsabu fi Tripli tiġi mħarsa, kif ukoll li l-interessi kummerċjali Maltin fi Tripli jigu protetti bl-aħjar mod. L-Oppożizzjoni tħeġġeġ lill-Gvern biex ipoġġi l-ġlieda kontra t-terroriżmu bħala prijorità politika. It-terroriżmu mhuwiex xi ħaġa ta' politika barranija u sfortunatament dan jista' jaffettwa lilna wkoll. F'din il-ġlieda kontra t-terroriżmu il-Gvern se jsib l-appoġġ tal-Oppożizzjoni. Anke, se nkunu hemm biex inħeġġu lill-Gvern jagħti importanza akbar għall-ġlieda kontra t-terroriżmu.

(iv) Jien sodisfatt li wara l-attakk tal-bieraħ il-Gvern ħa l-miżuri kollha raġunevoli biex jara li l-Maltin li għadhom jinsabu fil-Libja u b'mod speċjali mal-Corinthia, jiġu lura Malta kemm jista' jkun malajr. L-Oppożizzjoni taqbel mal-Gvern li l-Maltin kollha li għadhom jinsabu fil-Libja għandhom, fl-interess tas-sigurtà tagħhom, jiġu lura Malta minnufih. L-Oppożizzjoni titlob lill-Gvern sabiex ipoġġi għad-dispożizzjoni ta' dawn il-Maltin il-faċilitajiet neċessarji sabiex dawk il-Maltin li jridu jiġu lura, ikunu jistgħu jagħmlu dan mingħajr dewmien. L-Oppożizzjoni tifhem li l-Gvern qiegħed jagħmel dan.

(v) Tibqa' l-kwestjoni tas-sitwazzjoni fil-Libja u tal-implikazzjonijiet ta' dan l-attakk fuq is-sigurtà f'pajjizna. **Dwar is-sigurtà f'pajjiżna**, l-Oppożizzjoni tqis li, fil-klima internazzjonali preżenti, b'mod partikolari in vista tat-theddida tal-ISIS u ta' gruppi terroristiċi oħrajn, xejn m'għandu jittieħed *for granted* u s-sigurtà nazzjonali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu għandhom jingħataw l-importanza li tixirqilhom. Hija prijorità assoluta għalina li l-poplu Malti jibqa' jgħix f'pajjiż trankwill mingħajr inkwiet jew theddida għas-sigurtà. Fl-istess ħin, il-fatt li aħna pajjiż żgħir u b'mezzi limitati, f'ċertu sens tista' tagħmilna pajjiż vulnerabbli u proprju għal din ir-raġuni għandna nżommu għajnejna miftuħin aktar u nkattru l-kooperazzjoni tagħna ma' pajjiżi oħrajn, speċjalment ma' pajjiżi tal-Unjoni Ewropea dwar it-tisħiħ tas-sigurtà u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

(vi) Fl-aħħar nett, **dwar is-sitwazzjoni fil-Libja,** din tibqa’ sitwazzjoni preokkupanti ferm; mhux biss għall-Maltin li jgħixu hemm, mhux biss għall-interessi kummerċjali tagħna fil-Libja, iżda anke għalina hawn Malta, bħala pajjiż ġar u daqstant viċin ġeografikament tal-Libja. M'hemmx dubju li s-sitwazzjoni fil-Libja hija waħda ta' anarkija bla ebda kontroll u dan jagħti lok ovvju li dan il-pajjiż jista’ jsir bejta ta' attivitajiet kriminali u/jew terroristi minn gruppi ta' estremisti jew terroristi li japprofittaw ruħhom mis-sitwazzjoni instabbli fil-pajjiż.  Dan mhu fl-interess ta' ħadd u żgur li mhuwiex fl-interess tagħna. Għaldaqstant l-interess tagħna għandu jkun li kemm jista’ jkun malajr il-Libja ssib il-paċi u terġa’ tqum fuq saqajha.

F'dan is-sens, l-Oppożizzjoni titlob lill-Gvern biex jirdoppja l-isforzi tiegħu sabiex ipoġġi s-sitwazzjoni tal-Libja aktar 'il fuq tal-aġenda politika tal-Unjoni Ewropea. Huwa sewwa u xieraq li l-Unjoni Ewropea tikkonċentra fuq is-sitwazzjoni preokkupanti fl-Ukraina; iżda huwa daqstant sewwa u xieraq li l-Unjoni Ewropea tiddedika aktar attenzjoni, anzi teskala l-interess tagħha, fuq is-sitwazzjoni fil-Libja. L-Oppożizzjoni lesta tagħti s-sehem tagħha, permezz tal-kuntatti tagħna fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-Partit Popolari Ewropew, li aħna bħala partit membri fih, biex naraw li s-sitwazzjoni tal-Libja tingħata l-prijorità li jixirqilha. Inċidentalment illum stess il-Partit Popolari Ewropew nieda inizjattiva għal Patt Kontra t-Terroriżmu; inizjattiva li aħna nilqgħu. L-opportunitajiet li npoġġu l-Libja fuq l-aġenda Ewropea qegħdin hemm; insemmi biss il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tal-Intern, din il-ġimgħa, il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin aktar tard din il-ġimgħa kif ukoll is-*Summit* tal-Kunsill Ewropew li se jsir fi ftit jiem oħra li se jittratta appuntu t-theddida tat-terroriżmu. Grazzi.

28.01.2015